MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 2985/2002

**Dr Philip u Marie konjugi Attard Montalto**

**Vs**

**Samuel Mifsud**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm324.04c (tlett mija u erbgha u ghoxrin lira Maltin u erba' centezmi) rapprezentanti kont tas-servizz ta' ilma u elettriku kunsamati fil-perjodu tal-lokazzjoni u tat-tapit li kien jinsab fil-fond mikri lill-konvenut u ma nstabx izjed wara t-terminazzjoni tal-lokazzjoni.

Il-konvenut kien kera minghand l-atturi l-fond numru 147/2, Tower Road, Sliema fully furnished. Fil-ftehim ta' lokazzjoni, l-konvenut kien obbliga ruhu li, fil-perjodu tal-lokazzjoni, jhallas il-kontijiet tas-servizz u l-konsum ta' l-ilma u l-elettriku fl-istess flat lill-atturi. Fil-fatt Lm264.02c

(mitejn u erbgha u sittin lira Maltin u zewg centezmi) mill-ammont pretiz jirraprezenta kont tas-servizz ta' ilma u elettriku kunsamti fil-perjodu tal-lokazzjoni.

Inoltre, fil-perjodu tal-lokazzjoni tapit li kien jinsab fil-fond mikri lill-konvenut ma nstabx izjed. Il-valur ta' dan it-tapit jammonta ghal Lm60.00c (sittin lira Maltin).

Ghalkemm, il-konvenut gie interpellat biex ihallas l-ammonti hekk dovuti minnu, huwa baqa' inadempjenti fil-hlas hawn fuq imsemmi, minkejja li ammetta li l-ammonti hawn fuq imsemmija kienu dovuti kif ukoll li kien sahansitra baghat cheque lill-atturi ghall-ammont minnhom pretiz.

Bl-interessi legali, bl-ispejjez, inkluz ta' l-ittra bonarja datata 13 ta' Settembru, 2002.
Ra li l-konvenut baqa' kontumaci;

Sema' li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi.

-------------------------------TMIEM-------------------------------